SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Paceville**

## Laqgħa Nru. 26/KA2/17

13 ta' Frar 2017

Il-Kumitat Amministrattiv Paceville ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Giljan fl-4.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Albert Bonello Ghio – Ċermen
Micheal La Rosa –Viċi Ċermen
Joe Oliva – Membru
Richard Scicluna – Membru
Guido Dalli - Sindku

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

Il-Membru Maria Dolores Falzon informat lill-Kunsill li ma setghetx tattendi għal-laqgħa għalhekk ġiet skużata.

**Assenti:**

L-ebda Membru ma kien assenti.

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Cassar - Skrivana

**Minuti**

Iċ-Ċermen, is-Sur Albert Bonello Ghio ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**26.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

26.1.01 Il-Membru Maria Dolores Falzon infurmat lill-Uffiċċju Amministrattiv li ma setghetx tattendi għal-laqgħa għalhekk ġiet skużata.

**26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

26.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 25/KA2/17 għall-approvazzjoni.

26.2.02 Il-Membru Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

26.2.03 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

26.2.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**26.3 Komunikazzjoni miċ-Ċermen**

26.3.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kumitat li llum twaħħlet *camera* fi Triq Ball kantuniera ma' Triq Gort filwaqt li ser issir it-talba sabiex titwaħħal *camera* ħdejn il-Lombard Bank.

26.3.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lil tal-ħwienet mill-ATM tal-Bank of Valletta sal-Buco Cafe fi Triq San Ġorġ sabiex ma jarmux skart fi Triq San Ġorġ kantuniera ma Triq Sant'Andrija filwaqt li ser issir talba biex titwaħħal *camera* hemmhekk.

26.3.03 Ġie deċiż unanimament li s-Sindku jitlob spjegazzjoni lill-kuntrattur tas-sinjali tat-toroq minħabba li ż-żebgħa qed titlaq malajr.

**26.4 Korrispondenza**

Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

P37 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-istemma għall-Kumitat Amministrattiv Paceville.

P39 Talba mingħand Vincenzo Rapisarda dwar reklamar f'Paceville.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. P37**

26.04.01 B'riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, ġie deċiż unanimament li l-Kumitat Amministrattiv preżenti ma jaqbilx ma` din l-istemma u ser jibqa` bl-istemma tal-Kunsill Lokali San Ġiljan.

**Rif. Nru. P39**

26.04.02 Saret riferenza għat-talba mingħand Vincenzo Rapisarda dwar reklamar f'Paceville. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kumitat ma jaqbilx ma` din it-talba minħabba li din hi perikoluża għax toħloq ostaklu.

**26.5 Laqgħa Ġenerali Annwali;**

26.5.01 Il-Kumitat ġie ppreżentat b'kopja tar-Rapport Amministrattiv 2016 (Ara Appendici 'A').

26.5.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjegazzjoni ta' dan ir-rapport.

26.5.03 Ġie deċiż li jinħarġu l-avviżi kemm fil-Knejjes, fil-gazzetti, kif ukoll fuq Facebook dwar din il-laqgħa.

26.5.04 Il-Viċi Ċermen Michael La Rosa ppropona l-approvazzjoni tieghu.

26.5.05 Iċ-Ċermen ssekondah.

26.5.04 Il-Kumitat qabel unanimament ma' dan ir-rapport.

**26.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' *Purchase Request Sheets***

26.6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheet minn nru. P478 sa nru. P482 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B')

26.6.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

26.6.03 Il-Membru Richard Scicluna ssekondah

26.6.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**26.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

26.7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ċ').

26.7.02 Il-Membru Joe Oliva astjena minħabba li ma jridx jieħu responsabilta' fuq il-pagamenti u minħabba li għandu d-dubju fuq il-kwalita' tax-xogħol.

26.7.03 Il-Membru Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

26.7.04 Il-Viċi-Ċermen Michael La Rosa ssekondah.

26.7.05 Il-pagamenti ġew approvati.

**26.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

26.8.01 Il-laqgħa ntemmet fil-5.00p.m.u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 14 ta' Marzu 2017 fl-4.00p.m.

Konfermati, illum 14 ta' Marzu 2017

.

| | |
|---|---|
| **Albert Bonello Ghio** | **Paul Spiteri** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |